MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 14/2009

**Homemate Compnay Limited**
**C-22807**

**Vs**

**Fitness Factory Limited**
**C-35472**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar 2009, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,722.41c (elf seba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u erbghin centezmu) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma xoghol mibjugh u konsenjat lis-socjeta konvenuta.
Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut in subizzjoni.

Ra illi ghalkemm is-socjeta konvenuta kienet giet legalment notifikata b'dawn il-proceduri, hija baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra wkoll illi ghalkemm imsejha biex tidher ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2009 hija naqset li taghmel dan;

Ra li wkoll li rapprezentanti tas-socjeta konvenuta baqghu ma wegbux u anqas ma dehru ghal mistoqsijiet impoggija lilhom in subizzjoni la fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2009 meta gie prezentat il-kapitolu relattiv u anqas ghas-seduta tallum u ghalhekk dawn ghandhom jigu kkunsidrati bhala debitament mistqarra mill-istess socjeta konvenuta.

Ha konjizzjoni tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta attrici s-somma mitluba ta' Euro1,722.41c (elf seba' mija u tnejn u ghoxrin ewro u wiehed u erbghin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------